TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 227/15-F

Dino Pace u Vanessa Giordmaina
Vs
BDI Ltd.

Illum, 15 ta' Marzu, 2016

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fis-26 ta' Novembru, 2015, fejn ir-rikorrenti talbu tibdil tas-sufan jew l-ammont ta' tmien mija u ħamsin Ewro (€850) rappreżentanti l-prezz tas-sufan li wara xi żmien dan beda jitqatta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li nnota li l-intimat minkejja li ssottometta risposta ma attendiex għas-seduta minkejja li kien notifikat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

It-Tribunal jinnota li r-rikorrenti bil-ġurament qalu li xtraw sufan għall-prezz ta' tmien mija u ħamsin Ewro (€850) u wara ftit żmien indunaw li kien qiegħed jitqatta'. Minkejja li ġie meħud għat-tiswija ġie lura agħar milli kien peress li l-kulur ma kienx jaqbel.

It-Tribunal ra r-ritratti ta' dan is-sufan minn fuq il-mowbajl tar-rikorrenti minkejja li kienu ntrabtu li jippreżentaw r-rittratti ta' dan is-sufan, pero' dan ma sarx u għalhekk it-Tribunal ra r-ritratti minn fuq l-imsemmi mowbajl u ra d-differenza fil-kulur tas-sufan.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte u jordna lis-soċjeta' ntimata jirrifondi l-ammont ta'tliet mija u ħamsin Ewro (€350) bl-ispejjes kontra l-istess intimat, b'dan illi s-sufan jibqa' propjeta' tar-rikorrenti.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**